# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Numru 6**

**Citaz. numru 833/97 SM**

**John Calleja**

**vs**

**Carmelo sive Charles Degiorgio**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-atti ta' din il-kawza moghti fil-15 ta' Gunju 2000 in segwitu ghal digriet iehor precedenti li nghata l-gurnata ta' qabel.

Fl-14 ta' Gunju 2000 fuq rikors oppozitu l-Ewwel Qorti wara li rat digriet precedenti taghha u rat ir-risposta u kkonstat li l-istess talba kienet diga' saret precedentament u li jirrizulta wkoll li l-istess Qorti diversament preseduta fid-digriet ta' Marzu 1998 kienet iddegretat li kienet ser tipprovdi kameralment, haga li qatt ma rrizulta li ghamlet u ddecidiet li

“qabel ma jigu kkjarifikati certu ombri, ma tistghax tkun f’posizzjoni li tiddeciedi fir-rigward u ghalhekk ordnat li l-partijiet jitrattaw dan fl-udjenza tal-ghada cioe’ tal-15 ta’ Gunju 2000.

Fil-15 ta’ Gunju 2000 meta ssejhet il-kawza il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Dominic Cassar u deher ukoll Dr. Mario De Marco ghall-konvenut. Dik il-Qorti semghet lill-Avukati tal-partijiet fir-rigward tar-rikors tal-konvenuta. Il-Qorti rrilevat li din hija kwistjoni li gja giet indirizzata fl-udjenza fid-9 ta’ Marzu 1998 b’mod inkonklussiv. Inoltre, ghamlet referenza ghall-fatt li din il-procedura bdiet fin-1997 u ghalhekk iddecidiet li tichad it-talba “ghall-fini tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja”.

Huwa minn din l-ahhar decizjoni li qed isir l-appell odjern.

L-appellanti jissottometti illi l-fatt illi l-kawza kienet ilha minn 1997 pendenti zgur ma kienx tort tieghu inkwantu huwa kien talab il-kjamata fil-kawza fl-ewwel opportunita illi kellu, cioe’ fit-13 ta’ Frar 1998. Inoltre, il-fatt li l-Qorti naqset taghti digriet fuq it-talba tieghu zgur ma kienx jista’ jigi retenut responsabbli ghalih hu u l-fatt li issa giet michuda t-talba ifisser li huwa ser ikollu essenzjalment jiftah kawza gdida kontra John Buhagiar li kien beghlu l-istess vettura ftit gimghat qabel. Fil-fehma tal-appellanti d-digriet huwa espressament ibbazat fuq il-kuncett ta’

Gustizzja, jew kif spjegat, in effetti hu kontra l-istess skop li ghalih inholoq l-istitut tal-kjamat fil-kawza.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat filwaqt li jittratta ftit fuq il-generu tal-istitut tal-kjamata fil-kawza in realta aktar jibbaza ruhu fuq il-fatt illi l-vettura in kwistjoni kienet ghaddiet minn id ghall-ohra seba' darbiet u li hu ovvju illi l-Ewwel Qorti fehmet dan kollu qabel ma ddecidiet li tichad it-talba fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Din il-Qorti tifhem certament x'immotiva l-ewwel Qorti li bhala thossha hafna drabi frustrata bil-fatt li kawza li tista' essenzjalment tispicca fi zmien qasir iddum ix-xhur twal jekk mhux is-snin biex tinqata'. Huwa veru, infatti, li din il-kawza per ezempju ilha pendenti minn 1997. Ma jfissirx, pero', illi ghal dan ghandu jigi sagrifikat il-principju li kemm jista' jkun, mhux biss issir il-Gustizzja, imma anke ssir b'mod illi wiehed ma jhossx li saret ingustizzja mieghu. In verita', din il-Qorti tahseb illi benche' l-Ewwel Qorti kienet motivata tajjeb, in realta, forsi decizjoni li tichad it-talba fuq il-bazi li hija ghal ahjar fini ghal ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja minhabba li l-kawza kienet ilha pendenti minn 1997 timporta xi htija da parti tar-rikorrent li fil-fatt din il-Qorti, pero', m'hijiex qed tintravedi. Minhabba f'hekk jidhrilha li jkun aktar indikat fl-ahjar interess tal-Gustizzja li tinvita lill-Ewwel Qorti li tindirizza l-kwistjoni tal-kjamata in kawza fid-dawl ta' jekk hiex necessarja jew le konsidrat il-meritu tal-kawza aktar milli fuq il-fatt illi l-istess kawza ilha pendenti

minn 1997. Dana qed taghmlu ghax ma jidhrilix illi d-dewmien f'dan il-kaz kien attribut ghall-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u l-atti qed jigu rinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tidderigi ruhha fit-termini ta' din is-sentenza.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Dep/Reg

mg